# Personalita u Fiducja

Charles Cassar

Definizzjoni ghal hadd m'hawn. X'inhu ambaxxatur? X'inhu qassis? Hafna drabi jiddependi mill-personalita' ta' l-individwu u jien nahseb li l-haga li ma semmejniex li l-haddiem direttur ghandu jibni l-personalita'. Din il-personalita tghinu biex ikun fdat bl-istess mod kif ahna nafdaw membru parlamentari. Ghalkemm ma nasalx biex niddefinixxi haddiem direttur ghandu jkun bniedem b'personalita' li jgieghel in-nies tafdah. U ghandu jkun imharreg bizzejjed biex ikun kapaci jiehu decizjoni b'responsabilita kbira. Din tehtieg preparazzjoni u hawn jidhol ic-Centru ghall-Izvilupp tal-Partecipazzjoni tal-Haddiema dwar l-edukazzjoni u tahrig. Bniedem ma jistax jaghti minn dak li m'ghandux. Issejjahlu x'issejjahlu d-dinamika tal-haga hi, iktar importanti mid-definizzjoni. Jista jkollok definizzjoni wiesgha hafna imma mhux dinamika. Il-haddiem direttur barra li jkun dinamiku jrid ikun effettiv u hawnhekk meta wiehed jibda jaghmel hafna mistoqsijiet. Donna nibdew nikkonfondu, donna nibdew nghidu mela qeghdin fi sqaq. Jien nahseb li m'ahniex. Jien nahseb illi wahda mill-affarijiet, mill-esperjenzi li kien hawn li kkontribwixxiet biex kien hawn din il-konfuzzjoni kien illi f'azjendi li huma tal-gvern, li huma tal-poplu finalment, d-decizjonijiet jehodhom il-gvern mhux il-poplu. F'xi mument il-gvern ikun

qed jiddeciedi U jien lanqas noqghod inwahhal fil-haddiema l-hin kollu. Jiena nghid il-haddiem direttur irid ikun *leader* ukoll. Jigifieri inti meta tkun *leader* qed taghti l-*feedback*, qed tiehu *feedback* minghand il-haddiema. L-aghar haga li jista' jigrilu haddiem direttur hi li jitlef il-komunikazzjoni minn ma shabu. Allura hemmhekk ta' min hu t-tort? Tal-haddiem direttur, tad-direttur jew tal-haddiema? Ta' min hu n-nuqqas ta' komunikazzjoni? U l-haddiem, anke meta jien per ezempju minn jaf kemm il-darba gew hafna haddiema jghiduli 'ghax irridu promotions', nghidilhom 'isma hija dik mhux jien, dik ma nidholx fiha'. Irid ikollok il-kuragg ukoll. Halli ma titlax darb'ohra. Jekk inti ma titlax, ghamiltu zmienek, dik id-demokrazija, din id-darba tajjeb int, darb'ohra tajjeb haddiehor. U l-haddiem direttur jaghmel zball jekk jahseb li qieghed hemm ghal dejjem. Anke l-politici, hadd m'hu qieghed hemm ghal dejjem. Jigifieri inti jrid ikollok il-personalita' tieghek u trid tkun kapaci taghmel certu gudizzju u ghalhekk irridu noqghodu attenti fuq dawn il-hafna definizzjonijiet u kodici. Fil-fatt, issa, llum ghandna suggeriment li jkun hawn linji ta' gwida. Dawn jien naqbel maghhom. Izda nieqfu hemm. Ghaliex jekk tipprova taghmel definizzjoni ta' kif il-haddiem itid jimxi tkun qed tnaqqaslu l-personalita' tieghu.

Haddiem direttur ghandu jitqies direttur bhal haddiehor?' Daz-zgur li ghandu jitqies direttur bhal haddiehor, mhux direttur hu. Ghal hafna

affarijiet, nahseb li hemm twegibijiet semplici wkoll ghalihom. Ahna fuq x'hiex qed nitkellmu, mhux haddiem direttur, jmur fil-bord tad-diretturi, jiehu sehem fil-*policy* tal-kumpanija. Jekk ikun hemm gvern, li jkollu r-rieda u l-*commitment,* u jidher li hawn din ir-rieda politika, il-haddiem direttur ha jonqsulu nghid jien disghin fil-mija mill-problemi li semmejna. Ghaliex jekk jien kelli dawn il-problemi, l-problemi nholqu minn nies li ma kinux jemmnu fil-kuncett. Issa jekk inti per ezempju, l-gvern jinnomina *chairman* li jaf li dan huwa kontra l-partecipazzjoni tal-haddiema, inutli naghmlu kodici. Jigifieri il-haddiem direttur ma jghix go *vacuum,* il-haddiem direttur huwa parti minn organizzazzjoni hajja, li jistghu jinbidlu l-bzonnijiet taghha. U wiehed irid jifhem ezattament x'inhi l-organizzazzjoni, x'inhu r-*role* tal-haddiem. Il-haddiem jahdem fis-sistema ta' l-organizazzjoni. Il-haddiem u l-organizazzjoni mhux suppost li jkun hemm konflitti bejniethom. Ghandhom l-istess ghan, illi tibqa tghix l-azjenda, l-azjenda tibqa' tikber, hu jippartecipa u jiehu mill-beneficcju ta' l-azjenda. Jigifieri jien nhoss illi minn dawn l-iktar haga mportanti mhux jara x'inhu l-haddiem direttur jew d-direttur haddiem imma li nifhmu x'inhu l-iskop ta' l-azjenda, x'inhu r-*role* ta' kulhadd f'dik l-azjenda, anke tad-diretturi l-ohra. Ghandhom konflitti ta' interess per ezempju d-diretturi l-ohra? Ghax jista jkun li d-diretturi l-ohra jistghu jkollhom konflitt. Jigifieri huwa tajjeb li ladarba nibdew nifhmu ezattament il-kuncett kollu, jigifieri l-istampa

kollha, ghandna kwadru b'hafna bicciet, ma nistghux naqbdu l-haddiem direttur u naqilghuh mill-kwadru. Anzi l-haddiem direttur irridu npogguh go dak il-kwadru u nifhmu l-kwadru kollu. Anke l-*unions* jistghu jghinu fiha. Jekk kemm il-darba jkun hemm haddiem direttur il-union m'ghandhiex grazzja mieghu din il-*union* tista taghmillu hajtu difficli. Hu wkoll jista jaghmel hsara lill-*union* jekk ikun hemm dan il-konflitt. Flok ma noqghodu nharsu lejn konflitti li johorgu minn din is-sitwazzjoni, ahjar inharsu lejn direzzjoni wahda, biex nipprovaw naslu f'punt li kulhadd jitfa l-attenzjoni fuqha. L-ghanijiet ta' l-azjenda kulhadd hu konxju taghhom.